**<u>Minuti tat-Tielet (03) Laqgħa tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 13 ta' Ottubru 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal- Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.00 ta' filgħaxija.</u>**

l-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Ray Bartolo | 6.00 p.m. | 9.10 p.m. |
| Viċi-Chairperson Simone Aquilina | 6.00 p.m. | 9.10 p.m. |
| Membru Peter Abela | 6.30 p.m. | 9.10 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 6.05 p.m. | 9.10 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 6.00 p.m. | 9.10 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Qari tal-Minuti tat-Tieni (02) Laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 11 ta' Awissu 2010**

1.01 Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.02 Is-Sur Carmel Hili talab li tiġi korretta il-minuta numru 2.07 għaliex huwa kien qal dan il-kliem waqt laqgħa tal-MEPA. Saret diskussjoni fejn iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo insista li l-minuta kienet korretta għaliex kienet saret referenza fil-laqgħa tal-Kumitat fir-rigward tad-diskors li kien intqal mis-Sur Carmel Hili u għalhekk ma' kellha issir l-ebda korrezzjoni għall-minuta 2.07.

Ma ntlaħaqx ftehim u għalhekk intalab jekk kienx hemm xi mozzjoni dwar din it-talba għall-korrezzjoni sabiex tkun tista tittieħed deċiżjoni b'votazzjoni.

Saret mozzjoni mis-Sur Ray Bartolo u kontro-mozzjoni mis-Sur Carmel Hili.

Is-Sur Ray Bartolo poġġa il-Mozzjoni li tgħid li Is-Sur Carmel Hili qal dan il-kliem waqt il-laqgħa li saret il-Mepa. Ma kienx hemm sekondant għall-din il-mozzjoni u għalhekk din il-mozzjoni waqgħet.

Is-Sur Carmel Hili poġġa l-kontro–mozzjoni li kienet issekondata mis-Sur Joseph Mario Hili li kienet tgħid li dak il-kliem kien qalu f'isem il-bdiewa waqt laqgħa tal-MEPA.

Saret Votazjoni bir-rizultat ta' tnejn favur (Joseph Mario Hili u Carmel Hili) u tnejn kontra (Raymond Bartolo u Simone Aquilina). Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, uża l-*casting vot*e tiegħu kontra il-mozzjoni u l-mozzjoni ma' għaddietx. Ma saret l-ebda korrezzjoni ghall-item 2.07 tal-minuti.

1.03 Il-minuti ġew unanimament approvati wara li saru żewġ (2) korrezjonijiet kif jidher hawn taħt:

(a) Saret korrezjoni f'*item* 2.08: Jiżdiedu il kliem **"ta' meta jingħataw is-servizzi"** wara il-kliem **"il-Wardija bl-iskeda".**

(b) Saret korrezjoni f'*item* 5.04 fit-tieni paragrafu: jitneħħew il-kliem **"l-ħafna restrizzjonijiet u kundizzjonijiet li hemm sabiex wieħed japplika"** u jidħlu l-kliem **"n-numru sostanzjali ta' applikazzjonijiet u l-kompetizzjoni ħarxa bejn l-applikanti għal dawn il-fondi. Fost il-fatturi importanti li fuqha tittieħed id-deċiżjoni definitiva hemm il-preparazzjoni ta' l-applikant biex iwettaq il-proġett fiż-żmien stipulat minnu."**.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 **Dwar Item 2.04 –** Is-Segretarju għandu jerġa jfakkar lis-Sinjuri James Catania tad-Dipartiment tal-Kunsilli u lis-Sur Martin Bugelli, id-Direttur Generli.

2.02 **Dwar Item 2.03 –** Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa lill-Kumitat li kienet saret l-applikazjoni u kien ser jiċċirkola kopja lill-membri.

2.03 **Dwar Item 2.06 –** Intalab li jintalbu l-kondizzjonijiet li hemm bżonn sabiex issir sleeping policeman. Iċ-Chairperson talab illi b'mod urġenti tinżebagħ il-kurduna tal-island b'żebgħa safra tixgħel u jitwaħħlu wkoll cats eyes mad-dawra. Dan sabiex jiġi evitat aktar aċċidenti.

2.04 **Dwar Item 5.02** – Is-Sur Peter Abela qal li kellha tiġi iffissata data maċ-Chairperson sabiex issir il-laqgħa għall-bdiewa.

2.05 **Dwar Item 5.01** – Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ser jikteb lis-Sur Joe Attard tal-Green Mt sabiex issir il-Bring-In-Site ġol-Wardija.

2.06 **Dwar Item 5.05** – Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa lill-Kumitat li kien beda jsir tindif minn Heritage Malta.

2.07 **Dwar Item 4.01–** Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo ġie mitlub kopja tal-applikazjoni li saret taħt numru (6).

2.08 **Dwar Item 2.10 –** Il-metting li kellu jsir mis-Sotto Kumitat tat-Traffiku kien ġie postpost għall-ġurnata oħra meta jkunu jistgħu l-membri.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazjonijiet.**

3.01 Korrispondenza mingħand is-Sur Anthony Galea, Head of School, Skola tal-Wardija, jitlob bin on wheels ieħor ħdejn l-iskola u għajnuna ta' ħlas ta' open-skips għal ġarr ta' terrapien minħabba xogħolijiet strutturali fl-iskola. Il-Kumitat talab li ssir kjarifika mad-Dipartiment dwar jekk jistgħux jintlaqgħu talbiet lill-Kunsill u lill-Kumitat Amministrattiv minn entitajiet li jaqgħu taħt dipartimenti tal-gvern. Dwar it-talba għall-'bin-on-wheels' ieħor, ġie deċiż li din it-talba għandha tiġi milqugħa.

3.02 Iċ-Chairperson informa li l-Kumitat ġie infurmat li d-Dipartiment approva s-somma ta' Euro 400 fuq l-applikazjoni li saret mill-Kumitat għall-memo 73. Dawn il-fondi għandhom jintużaw għal spejjeż li ser isiru fuq il-kurduna u pjanti, etc. Gie wkoll approvat unanimament li tiżdied is-somma allokata b'Euro 600 oħra sabiex jiġu koperti l-ispejjeż fosthom il-kwotazzjoni ta' Euro 780 minn ELC. B'kollox għandhom jintefqu massimu ta' Euro 1,000.--.

3.03 E-mail mingħand is-Sur Charles Gerada jitlob li ssir *sleeping-policeman* fi Triq Gebel Għazzara. Gie deċiż li jsir *refreshing* tal-linji tal-*parking.* Carmel Hili talab li l-*wardens* għandhom jintalbu jagħmlu spezzjonijiet regolarment sabiex isir kontroll ta' parking fl-inħawi.

**4.00 Rapport Dwar Materji tal-Kunsill Lokali.**

4.01 Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa li huwa kien ser jittratta dan l-*item* taħt l-*item* 'Hwejjeġ Oħra'.

**5.00 Diskussjoni Dwar Sejħiet għall-Offerti.**

5.01 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, spjega li waqt il-Laqgħa tal-Kunsill, huwa kien talab li l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad jkun jista' joħrog sejħiet għal tenders separatament mill-Kunsill Lokali. Inqrat e-mail li ntbagħtet lid-Direttur Generali, is-Sur Bugelli, dwar dan is-suġġett li iżda ma' kienx għada ġiet risposta għaliha. Is-Sur Ray Bartolo qal li l-Kunsill kien ġedded it-Tenders li kienu skadew imma fil-futur huwa mixtieq li l-Kumitat Amministrattiv joħroġ tender wieħed għal diversi servizzi f'Burmarrad. Barra minhekk il-Handyman li beħsiebu jingaġġa l-Kunsill jkun jista' jagħmel xogħol f'Burmarrad kif approvat mill-Kunsill.

**6.00 Stemma tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

6.01 Gie deċiż li ssir kompetizjoni għal disinn ta' Stemma għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Għandha tingħata l-ewwel preferenza għal suġġerimenti dwar din l-istemma lir-resident tal-lokalita'. Għandha wkoll tintalab direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli dwar jekk dan jistax isir.

**7.00 Skema Sportiva.**

7.01 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, qal illi ma kien irċieva l-ebda suġġeriment dwar dan mingħand il-Membri.

**8.00 Dawl Dekorattiv (Milied 2010).**

8.01 Gie deċiż li l-Kumitat jimxi mad-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali dwar dan imma li peress li l-Kumitat Festa Burmarrad u xi sidien ta' ħwienet kummerċjali u ta' kumpaniji kummerċjali diġa huma fil-pussess ta' ċertu tiżjin, allura għandna ninkoraġġuhom biex jarmaw huma biex kemm jista' jkun tiżżejjen il-pjazza u t-triq prinċipali ta' Burmarrad.

**9.00 Ħwejjeġ Oħra.**

9.01 Is-Sinjura Simone Aquilina infurmat li flimkien ma' l-Għaqda Residenti Wardija, ser issir Clean-Up-Day fil-Wardija u talbet u ġie approvat unanimament li l-Kumitat jipprovdi tliet open skips, ingwanti u boroż għal dan il-għan. Is-Sinjura Aquilina ippreżentat ittra li ser tintbgħat lir-residenti.
Hija qalet ukoll li f'xi inħawi fil-Wardija hemm bżonn ta' tindif b'gaffa.

9.02 Il-Membru Carmel Hili talab li l-membri kollha jibgħatu d-dettalji tagħhom għall-paġna ta' Burmarrad fil-Website tal-Kunsill. Huwa talab li fil-laqgħa li jmiss jingħata rendikont tal-finanzi tal-Kumitat u li jsiru l-*Welcome Boards.*

9.03 Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qara lista ta' ħdax il-biċċa xogħol fil-lokalita' ta' Burmarrad u l-Wardija li kien sar ftehim mal-P W D sabiex isiru mill-ħaddiema tas-Sur Borda (MRRA) kif ġej:

1. Tappiera Perikoluża (ta)t iz-zuntier)
Triq Tony Camilleri
( kemm tinqaleb it-tappiera halli l-ponot jinzlu gol-bankina peress li nbarmet )

2. Hajt mhux komplut
Triq Manwel Bonnici kantuniera ma' Triq San Pawl Milqi
( il-)ajt kien inbena mill-Kunsill pero apparentament spiċċalhom il-bricks u dejjem baqa hekk )

3. Hitan tas-sejjieħ mġarrfa
Triq San Pawl Milqi
( sel)iet żgħar ta' mhux aktar minn 4 metri wiesa l-waħda )

4. Proġett
Triq il-Magħsar (Gwanni Pawlu 2)
( issir kurduna pulita pied il-barra mill-)ajt eżistenti biex nitfgħu ħamrija )

5. Bankina biex issir mill-ġdid
Triq Toni Camilleri kantuniera ma' Burmarrad rd.
( bankina ġdida hija bżonnjuża għax l-antika spiċċat )

6. It-tappieri kollha ta' l-arbli tal-Festa għandhom isiru ġodda tal-ħadid. Il-materjal diġa mixtri. Kull ma joqnos it-tqegħid u xi shifting.
Diversi Toroq imma l-aktar Triq Burmarrad

7. Bankina tal-main road fi stat degradanti
Triq Burmarrad

8. Tiswija ta' ħajt perikoluż ħdejn l-irziezet
Triq il-Witja

9. Railing ma' rampa
mal-ġenb taz-Zuntier tal-Knisja

10. Twaħħil tar-railing
Triq id-dwieli

11. Titwessgħa rampa eżistenti fuq iz-zuntier
zuntier tal-knisja
( Preżentament ir-rampa hi wisq żg)ira u ma jitlax van )

**6.00 Għeluq**.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.10 ta' filgħaxija.

***Ray Bartolo***
***Chairperson***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***